

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' Marzu 2014 (Każ R 1787/2013-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali ULTIMATE bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Volkswagen AG hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.8.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2015 – Mechadyne International vs UASI (FlexValve)

(Kawża T-588/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva FlexValve — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1) (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2015/C 389/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mechadyne International Ltd (Kirtlington, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. von Petersdorff-Campen u E. Schaper, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Pohlmann, sussegwentement minn S. Hanne, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Ġunju 2014 (Każ R 2435/2013-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi FlexValve bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mechadyne International Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 361, 13.10.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2015 – BSH vs UASI (PerfectRoast)

(Kawża T-591/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PerfectRoast — Rifjut ta’ reġistrazzjoni — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2015/C 389/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: BSH Bosch und Siemens Hausgeräte GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Biagosch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Ġunju 2014 (Każ R 359/2014-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali PerfectRoast.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-16 ta' Ġunju 2014 (Każ R 359/2014-5), hija annullata sa fejn tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja PerfectRoast għal “tagħmir li jsaħħan l-ilma”, “tagħmir għall-immersjoni li jsaħħan” u “tagħmir li jsajjar il-bajd”.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 351, 6.10.2014.